## Gwida għall-użu ta’ maskri tal-wiċċ jew viżiera fil-komunità biex titnaqqas it-trażmissjoni tal-COVID-19

Dan id-dokument jipprovdi gwida għall-pubbliku inġenerali fuq l-użu tal-maskri jew viżieri fil-komunitajiet fejn ikun rappurtat li jkun hemm trażmissjoni tal-COVID-19.

**Dan id-dokument jipprovdi gwida għall-pubbliku inġenerali fuq l-użu tal-maskri jew viżieri fil-komunitajiet fejn ikun rappurtat li jkun hemm trażmissjoni tal-COVID-19.**

F'EŻERĊIZZJU tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27 (c) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika (Avviżi Legali 326, 327, 335 u 402 tal-2020), għamel ir-regolamenti li ġejjin: -

**Kull persuna għandha, barra r-residenza tagħha, kemm meta tmur f'post fuq ġewwa kif ukoll barra, tilbes maskra medika jew tad-drapp jew viżiera b'mod xieraq li tkopri l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum tal-persuna.**

L-użu obbligatorju ta' maskri mediċi jew tad-drapp jew viżieri ma japplikax għad-djar privati jew vetturi privati.

Li ġejjin huma individwi li għandhom **ikunu eżentati mir-rekwiżit** li jilbsu maskra tal-wiċċ:

(a) tfal sa tliet (3) snin; u
(b) persuni b'nuqqas konjittivi, fiżiċi, mentali jew respiratorji severi li għandhom diffikultajiet biex jittolleraw maskra kif iċċertifikat minn tabib liċenzjat, f’liema każ dawn l-individwi għandhom f'kull ħin iġorru ċ-ċertifikat mediku rilevanti li jeżentahom mill-ilbies ta’ maskra.

**It-tneħħija temporanja** tal-maskri tal-wiċċ għandha tkun permissibbli fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' tfal li jattendu l-kindergarten, waqt li jkunu fil-klassi;
(b) waqt attività fiżika ta' intensità għolja;
(c) meta titkellem jew tipprovdi għajnuna lil kwalunkwe individwu li jiddependi fuq il-qari tax-xufftejn biex jikkomunikaw;
(d) waqt taħdit uffiċjali fil-pubbliku sakemm distanza fiżika ta' mill-inqas żewġ (2) metri bejn individwi tinżamm:
    Lezzjonijiet jew lekċers fi skejjel, universitajiet jew stabbilimenti edukattivi oħrajn m'għandhomx jiġu interpretati bħala taħdit uffiċjali fil-pubbliku;
(e) jekk mitlub għal skopijiet ta' identifikazzjoni, inkluż fil-banek, fl-ajruport jew fil-port jew minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;
(f) biex jirċievi kwalunkwe trattament jew servizz mediku jew kożmetiku li jinvolvi l-wiċċ jew il-ħalq;
(g) biex tieħu medikazzjoni; jew

(h) meta jkun bilqiegħda fi stabbilimenti fejn jiġi servut ikel u xorb

Kull persuna li tonqos milli tosserva d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinsab ħatja, tkun soġġetta għall-ħlas ta’ penali ta' mitt ewro (€ 100) għal kull darba li jinkisru dawn ir-regolamenti:
Iżda jekk ir-reat jiġi ammess u l-penali titħallas qabel ma jibdew il-proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-penali applikabbli għandha titnaqqas għal ħamsin euro (€ 50).

Minbarra r-rekwiżiti legali ta' hawn fuq imsemmija u bħala parti mill-evidenza dwar l-effettività ta' maskri fit-tnaqqis tal-firxa ta' COVID-19, l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika jirrakkomandaw ukoll bil-qawwa li għata tal-wiċċ jintlibes fi djar privati jew f'vetturi privati meta tkun fil-kumpanija ta' persuni li ma jiffurmawx parti mid-dar tiegħek, għalkemm dan mhux rekwiżit obbligatorju.

## Kif jinfirex il-COVID-19?

Informazzjoni kurrenti tissuġġerixxi li ż-żewġ modi ewlenin ta’ trażmissjoni tal-virus tal-COVID-19 huma qtar respiratorji u kuntatt fiżiku ma’ wċuħ ta’ affarijiet kontaminati. Qtar respiratorju jkun ġenerat meta persuna infettata tisgħol jew tagħtas, u possibilment ukoll bit-teħid tan-nifs u waqt diskursati. L-itqal qtar għandu t-tendenza li jaqa’ malajr mal-art fuq raġġ ta’ metru. Huwa għalhekk li persuna li tkun f’daqstant kuntatt ma’ xiħadd b’sintomi respiratorji (sogħla u għatis) tkun f’riskju għoli li tkun esposta għal qtar respiratorju potenzjalment infettiv. Dan jispjega wkoll il-bżonn li tinżamm ‘distanza fiżika’ u li bejn il-persuni tinżamm distanza ta’ mill-inqas żewġ metri. Il-qtar jista’ jaqa’ wkoll fuq uċuħ ta’ affarijiet (bħal pumi tal-bibien, buttuni tal-lift jew bankijiet) fejn il-virus jista’ jibqa’ ħaj u jittieħed. Għalhekk, l-ambjent immedjat ta’ fejn tkun persuna infettata jista’ jservi ta’ sors ta’ trażmissjoni (kuntatt ta’ trażmissjoni).
Hemm dibattitu kontinwu u rapporti mill-istampa dwar ir-rwol tal-partiċelli aerosol u r-rwol tagħhom fit-tixrid tal-virus aktar minn 2 metri. Dawn l-ajrusols (b'differenza mill-qtar) jistgħu jibqgħu fl-arja għal żmien twil u jkun preżenti fi spazji magħluqa, anke wara li l-persuna infettata tkun telqet. Madankollu, minbarra fi proċeduri speċifiċi normalment imwettqa fl-isptarijiet, il-parir mill-WHO jibqa' li t-trażmissjoni fil-komunità hija, fl-aħjar, rari u eċċezzjonali biss f’sitwazzjonijiet f’postijiet fuq ġewwa li m’għandhomx ventilazzjoni tajba.

Il-perjodu ta’ inkubazzjoni tal-COVID-19, li huwa l-ħin bejn l-espożizzjoni għall-virus u l-bidu tas-sintomi, huwa bejn ħames u sitt t’ijiem, imma jista’ jkun qasir sa jumejn u twil sa 14-il ġurnata. Matul dan il-perjodu, magħruf ukoll bħala perjodu “pre-sintomatiku”, persuni infettati b’sintomi ħfief jew xejn, jistgħu jkunu kontaġjużi u allura jittrażmettu l-virus lil oħrajn (ECDC, 2020). Dan huwa imsaħħaħ b’informazzjoni li tissuġġerixxi li xi persuni jistgħu jittestjaw fil-pożittiv għall-virus tal-COVID-19 minn ġurnata sa tlieta qabel jiżviluppaw is-sintomi (WHO 2020).

## Parir tas-Saħħa Pubblika dwar il-maskri

Issa huwa legalment obbligatorju għall-individwi kollha li jilbsu maskra tal-wiċċ jew viżiera kull meta joħorġu mid-dar tagħhom, sakemm mhux eżentat kif deskritt fid-dettall hawn fuq. Fejn tollerata, maskra medika jew tad-drapp (jew maskra flimkien ma' viżiera) hija preferuta minn viżiera waħedha.

Hija r-responsabbiltà ta' min iħaddem li jipprovdu maskri jew viżieri xierqa għall-ħaddiema tagħhom u biex jiżguraw li dawn jintlibsu fi mod xieraq li jgħatti l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum.

L-użu tal-maskri jgħin biex jitnaqqas it-tifrix tal-infezzjoni fil-komunità billi tillimita t-tifrix tal-infezzjoni minn individwi infettati li jistgħu ma jkunux jafu li huma infettati, li għadhom ma żviluppawx sintomi jew li jibqgħu mhux sintomatiċi. Allura l-ilbies tal-maskri jsaħħaħ l-effett taż-żamma tad-distanza fiżika. **Huwa importanti jkun innotat li l-għata tal-uċuħ mhux maħsub biex jieħu post iż-żamma tad-distanza fiżika; l-osservanza tal-etikett waqt li wieħed jisgħol jew jagħtas; iż-żamm metikoluż tal-iġjene tal-idejn u l-evitar li wieħed imiss wiċċu. Filwaqt li huwa mandatorju l-użu tal-maskri jew viżieri, huwa mportanti li dawn il-miżuri msemmija jiġu mħarsa.**

## Tipi ta' maskri

### Maskri kirurġiċi



Maskra 'kirurġika' hija apparat mediku ċatt jew f'forma ta' kikkra li titwaħħal mar-ras b'ċineg u tgħatti sewwa l-ħalq, l-imnieħer u l-geddum. Din toħloq barriera li tillimita t-tifrix tal-infezzjoni bejn il-ħaddiem tal-kura tas-saħħa u l-pazjent. Maskri kirurġiċi jintużaw spiss minn ħaddiema tal-kura tas-saħħa biex jilqgħu milli qtar respiratorju u titjir jilħaq il-ħalq u l-imnieħer ta' min ikun qed jilbishom. Igħinu wkoll għat-tnaqqis u l-kontroll tat-tifrix ta' qtar respiratorju kbir mill-persuna li tkun liebsa l-maskra, u tillimita l-kontaminazzjoni tal-ambjent tal-post. Dawn il-maskri jkunu ttestjati għall-kwalità skont sett ta' metodi ta' testijiet standard li jassiguraw filtrazzjoni għolja, abilità biex jittieħed in-nifs u reżistenza għal penetrazzjoni fluwida. In-naħa kkulurità tal-maskra għandha tintlibes fuq in-naħa ta' barra.

### Respiraturi



Dan id-dokument ma jiffukax fuq respiraturi jew filtri tal-uċuħ (FFP), ladarba dawn għandhom jintużaw *biss* minn ħaddiema għall-kura tas-saħħa (ECDC 2020). B'żjieda ma' maskri FFP, ħaddiema għall-kura tas-saħħa li jkunu qegħdin jaħdmu f'postijiet kliniċi ta' riskju għoli jilbsu wkoll apparat protettiv ieħor inklużi visors, goggles u fradal jew ilbies, la darba b'żjieda mal-fatt li l-virus jidħol mill-imnieħer u l-ħalq jista' wkoll jippenetra l-ġisem uman mill-għajnejn (konġuntiva).

### Maskri non-mediċi



Maskri non-mediċi (jew maskri 'komunitarji') jinkludu forom varji ta' maskri li jista' jagħmel kulħadd, jew maskri kummerċjali jew għata tal-wiċċ. Dawn jistgħu jsiru billi jintuża materjal li minnu jkun jista' jgħaddi n-nifs bħalma huwa drapp magħmul mill-qoton jew tessuti oħrajn. Dawn mhux intenzjonati biex jintuzaw f'ambjenti ta' kura tas-saħħa jew minn professjonisti fil-kura tas-saħħa. Maskri tad-drapp jistgħu jaqbdu qtar respiratorju kbir, bħal dak ġenerat mis-sogħla jew l-għatis. Dawk magħmulin minn tipi differenti ta' drapp għandhom abilità wiesa' biex jiffiltraw partiċell fid-daqs ta' virus, b'kompromess bejn filtrazzjoni u l-abilità li jittieħed in-nifs skont in-numru u tipi ta' saffi wżati.
Jekk jogħġbok ara hawn taħt u l-Anness 1 għal gwida dettaljata rigward konsiderazzjonijiet meta tagħmel jew tixtri maskri tad-drapp.

## Użu adekwat tal-maskri

L-użu adekwat ta' KULL maskra (inkluż dawk li jsiru fid-djar) huwa imperattiv. Nuqqas fil-mod sigur ta' kif tilbes jew tneħħi l-maskra jista' jwassal biex *tiżdied* il-probabbiltà li tiġi infettat bil-COVID-19.

Immaterjalment minn kemm jaħdmu tajjeb, is-suċċess ta' maskri tad-drapp jew kirurġiċi biex jipproteġu lil oħrajn jiddependi fuq jekk in-nies tal-komunità jilbsuhomx tajjeb, iżommuhomx fil-post u minn kemm jassiguraw li l-maskra ma tixxarrabx iżżejjed. **Maskri non-mediċi jżommu partiċelli virali milli potenzjalment jitferxu minn min jilbishom. Dawn ma jipproteġux lil min jilbishom milli jiġi infettat jekk xiħadd li jkun pożittiv għall-COVID-19 jittrażmetti qtar respiratorju fuq il-persuna li tkun liebsa l-maskra.**

Studji jindikaw li umdità akkumulata, bħal dik kawżata mit-teħid tan-nifs, tista' taqbad lill-virus fil-maskra u tagħmilha sors qawwi ta' kontaminazzjoni meta min ikun qed jilbisha jneħħiha. Huwa għalhekk importanti ħafna li l-maskri jitneħħew biex jintremew jew biex jinżammu sakemm jinħaslu/jiġu sterilizzati biex jerġgħu jintużaw. Huwa importanti li jkollok maskri żejda sabiex maskra oħra ġdida tkun tista' tintlibes kull meta l-maskra tkun ilha ħafna sigħat u filkaz li tixxarrab u titħammeġ. Maskri wżati m'għandhomx jinżammu fil-bwiet jew jitħallew 'l hinn u 'l hawn fuq l-uċuħ tal-affarijiet, iżda għandhom jitpoġġew f'borża tal-plastik li tista' tiġi ssiġillata jew kontenitur li jista' jintmesaħ sakemm ikunu jistgħu jinħaslu jew jintremew mingħajr periklu. Il-maskri m'għandhom qatt jiġu użati minn persuna għal oħra.

**Li tilbes maskra jista' joħloq sens żbaljat ta' sigurtà u jista' jwassal għan-negliġenza ta' miżuri oħrajn essenzjali, bħalma huma prattiċi ta' iġjene tal-idejn u żamma ta' distanza fiżika. L-użu adekwat tal-maskri huwa essenzjali għall-effiċjenza u s-sigurtà tagħhom.** Għandu jkun evitat it-tipjip speċjalment meta liebes maskra.

**Huwa importanti tinnota li:**

- Il-provvisti ta' respiraturi N-95 u maskri kirurġiċi huma kritiċi u għandha tingħata prijorità lill-użu tagħhom minn ħaddiema fil-kura tas-saħħa. Mhumiex irrakkomandati għall-użu fil-komunità.
- M'GĦANDHOMX jintużaw maskri minn tfal taħt it-tliet snin, minn min ikollu problema ta' nifs; jew min ikun mitluf minn sensih, b'nuqqas ta' kapaċità jew li ma jkunx jista' jneħħi l-maskra mingħajr għajnuna. Il-maskri M'GĦANDHOMX jintużaw waqt xogħol ta' strapazz u meta tipprattika eżerċizzju qawwi (vigoruż). Maskri jew viżieri għandhom jintlibsu jekk sport ma jinvolvix eżerċizzju vigoruż jew huwa pprattikat fil-viċinanza ta' nies oħra.
- Maskri magħmulin mid-drapp, wara li jitneħħew b'mod sigur, għandhom jinħaslu f'makna tal-ħasil <u>kull darba li jintużaw</u> bl-użu ta' deterġent normali tal-ħasil b'temperatura ta' 60$^{o}$C. Maskri magħmulin mid-drapp jistgħu jinħaslu ħafna drabi.
- Maskri intenzjonati biex jintużaw darba biss m'għandhomx jerġgħu jintużaw.
- **Xi tipi ta' maskri jinkludu valv tal-plastik f'direzzjoni waħda fuq quddiem** li jagħmilha aktar faċli biex tieħu n-nifs. Meta tieħu n-nifs il-ġewwa il-valv huwa magħluq, imma meta tieħu n-nifs 'il barra, jinfetaħ, bir-riżultat li f'kaz li l-persuna tkun infettata bil-virus, din ma tkun qed tipprovi l-ebda protezzjoni lejn il-persuni tal-madwar. **Għalhekk din il-maskra mhiex rakkomandata.**

**Office of the Superintendent of Public Health**
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
**t** +356 25953302/3 **e** sph.mhec@gov.mt

Persuni b'diżabilità, b'Disturb tal-Ispettru tal-Awtiżmu (ASD) u Disturb tal-Ipproċessar Sensorjali (SPD) jistgħu ikunu eżentati mill-ilbies obbligatorju ta' maskri fuq bażi ta' każ b'każ, skond is-sensittività tal-individwu. B'mod partikolari, it-tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu għandhom esperjenzi sensorji akbar u l-ilbies tal-maskra tal-wiċċ fuq il-ħalq jew il-ġbid tal-elastiku mal-widnejn jista' jikkawża dwejjaq. Żieda tal-immaniġġjar u l-kontaminazzjoni f'dan il-każ jistgħu jagħmlu l-ilbies tal-maskra kontroproduttiv. Bosta riżorsi huma disponibbli għal individwi li għandhom diffikultajiet varji (fosthom problemi soċjali), permezz ta' dawn tfal bl-ASD/SPD jiġu mħejja sew għal użu tal-maskri (https://www.autism.org/wp-content/uploads/2020/04/face-mask-social-story.pdf). Jekk individwu jista' jittollerah sew u jilbes maskra jew viżiera b'mod xieraq, għandu jkun imħeġġeġ. Inkella, ċertifikat minn tabib liċenzjat għandu jinżamm il-ħin kollu f'każ li wieħed jiġi avviċinat għal raġunijiet ta' infurzar.

## Fl-ilbies u t-tneħħija tal-maskra għandha tkun segwita l-proċedura korretta:




- Qabel tilbes maskra, aħsel idejk bis-sapun u bl-ilma jew b'hand rub li jkun alcohol-based (mhux inqas minn 70% alkoħol).
- Għatti imnieħrek, ħalqek u geddumek bil-maskra.
- Waqt li tkun liebes il-maskra evita li tmissha.
- Ibdel il-maskra b'oħra ġdida wara użu fit-tul, jew malli ssir umda.
- Biex tneħħi l-maskra: niżżel rasek 'il quddiem, neħħi l-maskra miċ-ċineg (tmissx il-parti ta' quddiem tal-maskra); armiha b'mod immedjat f'kontenitur tal-iskart li jkollu għatu (jew f'kontenitur issiġillat li jista' jintmesaħ, borża tal-plastik li tista' tintmesaħ jew borża tal-plastik li tintrema wara l-użu fil-każ ta' maskri tad-drapp); u aħsel idejk bis-sapun u bl-ilma jew hand rub li jkun alcohol-based.

**L-użu ta' maskra tad-drapp**




Maskri tad-drapp għandhom:

- Jagħfsu sew imma b'mod konfortabbli mal-ġenb tal-wiċċ.
- Jintrabtu b'ċineg jew ħoloq elastiċi madwar widnejk.
- Inkludi għadd ta' saffi (idealment minimu ta' 3) ta' drapp minsuġ issikkat.
- Ara li t-teħid tan-nifs ma jkunx ristrett.
- Ikunu jistgħu jinħaslu u jitnixxfu bil-makna mingħajr ma ssirilhom ħsara jew tinbidlilhom il-forma.
- Jiġi maħżun jew f'kontenitur li jista' jkun siġillat li ma jkunx poruż (bħal kaxxa tal-plastik bl-għatu), borża tal-plastik li tintrema wara l-użu jew borża tal-plastik li tista' tintmesaħ. Kontenituri / boroż li jistgħu jerġgħu jintużaw għandhom jintmesħu b'70-90% alkoħol u jitħallew għal minuta jinxfu wara li kellhom maskra użata maħżuna fihom.



**Għandhom il-maskri tad-drapp jinħaslu jew jitnaddfu b'mod ieħor regolarment? Kemm regolarment?**

• Iva. Jista' jkun li l-kwalità ta' drapp użat għall-maskri jillimita n-numru ta' drabi li dawn ikunu jistgħu jinħaslu. Meta s-saffi tal-maskra jittiklu jew il-maskra tibqa' mtebba' jew maħmuġa wara l-ħasil, għandha tintrema u tinbidel.

**Kif jista' wieħed jaħsel/jisterilizza b'mod sigur maskra magħmula mid-drapp?**

• Maskri tad-drapp jistgħu jinħaslu adekwatament f'makna tal-ħasil f'temperatura ta' 60˚C u bl-użu ta' deterġent tal-ħasil normali. Meta jinħaslu l-maskri, l-użu tal-likwidu tat-tlaħliħ tad-drapp mhux irrakkomandat. Tużax kimiċi ħorox bħal diżinfettanti biex tnaddaf il-maskra tiegħek. Ftakar li l-maskra tkun viċin wiċċek u n-nifs b'tali kimiċi jista' jikkawża ħsara. Bl-

istess mod, maskri tad-drapp m'għandhomx ikunu mnaddfa bid-dry cleaning għax dan il-proċess iħalli residwi fid-drapp li huma ta' periklu għas-saħħa.

**Kif jista' wieħed ineħħi b'mod sigur maskra tad-drapp?**

- Niżżel rasek 'il quddiem;
- Neħħi l-maskra minn wara (tmissx il-parti ta' quddiem tal-maskra);
- Poġġiha b'mod sigur f'borża tad-drapp, fejn ikun possibbli, sakemm tkun tista' taħsel kemm il-maskra kif ukoll il-borża;
- Aħsel idejk bis-sapun u l-ilma jew hand rub li jkun alcohol-based;
- Tmissx għajnejk, imnieħrek, jew ħalqek waqt li tkun qed tneħħi l-maskra;
- Immedjatament wara li tneħħiha naddaf idejk bis-sapun u l-ilma.



**Kif għandek tiddisponi minn maskra?**

Mikrobi differenti jistgħu jibqgħu ħajjin fuq maskra wżata għal perjodi differenti ta' ħin. Hemm viruses li jistgħu jibqgħu ħajjin minn ftit sigħat għal ftit jiem. Maskri li jintużaw darba biss għandhom jintremew f'kontenitur tal-iskart immedjatament wara li jintużaw. Dejjem aħsel idejk kemm qabel tilbes il-maskra kif ukoll wara li tneħħiha.



**Maskri li mhumiex magħmulin mid-drapp huma maskri li jintużaw darba biss u għalhekk m'għandhomx jerġgħu jintużaw. Wara li jintużaw għandhom jintremew.**

**Il-maskri għandhom ikunu kunsidrati biss bħala miżura kumplimentari għal prattiċi preventivi stabbiliti bħalma hija d-distanza fiżika, l-etikett meta tisgħol u tagħtas, iġjene tal-idejn u l-evitar tal-mess tal-wiċċ. Il-maskri MA JINTLIBSUX flok dawn il-prattiċi.**

## Visors, l-użu u l-kura tagħhom



L-ilqugħ tal-wiċċ huwa screen sempliċi u trasparenti li jgħatti l-wiċċ u jgħin fil-prevenzjoni ta' qtar infettat milli jidħol fl-għajnejn, fl-imnieħer u fil-ħalq u għandu jkun jestendi 'l isfel mill-geddum. Normalment jintlibes separatament jew flimkien ma' maskri, iżda huma l-aktar effettivi meta jintlibsu flimkien ma' maskri bl-għan li jimblokka titjir u sprejjar milli jilħaq il-wiċċ u jippreveni lin-nies milli jmissu wiċċhom. Madankollu, minħabba l-għamla tagħhom, jistgħu jippermettu qtar respiratorju biex joħroġ jew jidħol mill-ispazji bejn il-viżiera u l-wiċċ. **Peress li għad m'għandniex evidenza li l-ilqugħ tal-wiċċ huwa effettiv daqs il-kontroll tas-sors jew protezzjoni minn qtar respiratorju offert mill-maskri, nirrakkomandaw li maskri għandhom jintużaw bi preferenza għall-viżiera (jew flimkien magħhom), filwaqt li l-użu tal-viżiera waħdu huwa skoraġġut. Madankollu f'ċerti sitwazzjonijiet fejn maskra mhix prattika jew ma tistax tiġi ttollerata (eż. Tfal bi bżonnijiet speċjali, ċerti kwistjonijiet ta 'saħħa) viżieri jistgħu jintużaw bħala alternattiva għall-maskri.**

Il-vantaġġ tal-ilqugħ tal-wiċċ huwa t-tul ta' żmien li jservi u jippermetti li jintuża għal numru indefinit ta' drabi, il-faċilità li tnaddfu wara li tużah, konfortabbli u jista' wkoll jippreveni lil min jilbsu milli jmiss wiċċu. Importanti, il-visor joħloq għata relattiva għal kull parti tal-wiċċ li minnha jista' jidħol il-virus: l-għajnejn, l-imnieħer u l-ħalq. Huma disponibbli f'daqsijiet varji, inkluż għat-tfal, iżda m'għandux jintlibes minn tfal taħt it-3 snin.

L-ilqugħ tal-wiċċ tipikament jikkonsisti minn żewġ partijiet ewlenin: visor trasparenti li jgħatti l-wiċċ u li normalment ikun magħmul minn plastik bħal polycarbonate, propionate, acetate, polyvinyl chloride (PVC), and polyethylene terephthalate glycol (PETG); u metodu biex il-visor jinżamm f'postu, bħalma hija l-faxxa tar-ras jew ċinga.

Iċ-ċinga tista' tkun magħmula minn plastik li jkun ingħata forma, 3D-printed plastic jew anke mil-lastiku. Hawn visors maħsubin biex jintużaw darba u jintremew filwaqt li hawn oħrajn li jistgħu jiġu sterilizzati u jerġgħu jintużaw.

Għalkemm l-evidenza fuq il-viżieri / ilqugħ tal-wiċċ hija limitata, dak li hu disponibbli jissuġġerixxi li l-ilqugħ tal-wiċċ li ġej jistgħu jipprovdu kontroll aħjar tas-sors minn oħrajn:

- Ilqugħ tal-wiċċ li jdur mal-ġnub tal-wiċċ ta' min jilbisha u jestendi taħt il-geddum
- Ilqugħ tal-wiċċ bil-barnuża

**Viżieri / Ilqugħ tal-wiċċ li ma jkoprux il-wiċċ kollu mhumiex irrakkomandati peress li ma jipprovdux protezzjoni adegwata.**

Dawk li jilbsu l-viżiera / ilqugħ tal-wiċċ għandhom jaħslu idejhom qabel u wara li jneħħu l-ilqugħ tal-wiċċ u jevitaw li jmissu għajnejhom, l-imnieħerhom u l-ħalqhom meta jneħħuha.

Il-viżieri / ilqugħ tal-wiċċ għandhom idealment ikunu t-tip li jistgħu jerġgħu jintużaw u għandhom ikunu diżinfettati kif xieraq wara kull użu, b'wipes alkoħoliċi jew b'wipes bid-diżinfettant jew sprej b'diżinfettant jew b'wipes għal kontra l-mikrobi jew bi sapun u ilma. Imbagħad għandhom jitħallew jinxfu qabel l-użu li jmiss.

Ilqugħ tal-wiċċ/visors intenzjonati li jintużaw darba jistgħu jibqgħu jintużaw sakemm jibqgħu iżommu l-forma u jibqgħu intatti.
Jekk l-ilqugħ jinkiser għandu jinbidel.

**Referenzi:**

Centre for Disease Control (CDC) https://www.cdc.gov/coronavirus/2019-ncov/prevent-getting-sick/diy-cloth-face-coverings.html [accessed 10 August 2020].

Centre for Disease Control. Page last reviewed: March 17, 2020 National Center for Immunization and Respiratory Diseases (NCIRD), Division of Viral Diseases https://www.cdc.gov/coronavirus/2019-ncov/hcp/ppe-strategy/face-masks.html. Accessed 13 April 2020.

CWA 17553: Community face coverings - Guide to minimum requirements, methods of testing and use. European Committee for Standardization, June 2020.

Davies Anna, Thompson Katy Anne, Giri Karthika, Kafatos George, Walker Jimmy and Bennett Allan. Testing the Efficacy of Homemade Masks: Would They Protect in an Influenza Pandemic? Disaster Medicine and Public Health Preparedness, Available on CJO 2013 doi:10.1017/dmp.2013.43

European Centre for Disease Prevention and Control. Using face masks in the community - Reducing COVID-19 transmission from potentially asymptomatic or pre-symptomatic people through the use of face masks. Stockholm: ECDC; 2020: https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/using-face-masks-community-reducing-covid-19-transmission

European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC). Safe use of personal protective equipment in the treatment of infectious diseases of high consequence. Stockholm: ECDC; 2014. Available from:

https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/media/en/publications/Publications/safe-use-of-ppe.pdf

Government of Belgium. Coronavirus COVID-19. Fabric face masks. I protect you, you protect me. https://www.info-coronavirus.be/en/facemask/ [accessed 02 May 2020]

Greenhalgh Trisha, Schmid Manuel B, Czypionka Thomas, Bassler Dirk, Gruer Laurence. Face masks for the public during the covid-19 crisis BMJ 2020

Lopalco Pier Luigi. Universita di Pisa. Coronavirus e mascherine: quante ne esistono, come funzionano e come usarle. 10 Aprile 2020 https://www.medicalfacts.it/2020/04/10/coronavirus-le-mascherine-e-la-nuova-normalita/

National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine. 2020. Rapid Expert Consultation on the Effectiveness of Fabric Masks for the COVID-19 Pandemic (April 8, 2020). Washington, DC: The National Academies Press. https://doi.org/10.17226/25776.

National Institute for Occupational Safety and Health (NIOSH). Use of respirators and surgical masks for protection against healthcare hazards [internet]. Atlanta: CDC; 2018 [accessed 10 April 2020]. Available from: https://www.cdc.gov/niosh/topics/healthcarehsps/respiratory.html

Roberge R. J. (2016). Face shields for infection control: A review. Journal of Occupational and Environmental Hygiene, 13(4), 235–242. https://doi.org/10.1080/15459624.2015.1095302

University of Maryland. (2020, April 3). Wearing surgical masks in public could help slow COVID-19 pandemic's advance: Masks may limit the spread diseases including influenza, rhinoviruses and coronaviruses. Science Daily. Retrieved April 10, 2020 from www.sciencedaily.com/releases/2020/04/200403132345.htm

WHO Advice on the use of masks in the context of COVID-19 Interim guidance. 5 June 2020.

## Anness 1 - Gwida dwar il-maskri tad-drapp

Din il-gwida nħarġet b'mod konġunt mis-Suprentendenza tas-Saħħa Pubblika u l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA). Hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni għall-pubbliku ġenerali meta jsiru jew jinxtraw il-maskri tad-drapp.

Ibbażat fuq l-evidenza disponibbli ta' liema tip ta' maskri tad-drapp huma l-aktar effettivi, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda li l-maskri tad-drapp għandhom ikunu magħmula minn tliet saffi:

- Saff ta' ġewwa (saff li jiġi f'kuntatt dirett mal-wiċċ) magħmul minn materjal idrofiliku li jassorbi l-qtar min-nifs li joħroġ minn min jilbisha. Eżempju ta' materjal bħal dan huwa l-qoton, bħal flokkijiet tal-qoton minsuġa jew maħdumin, jew taħlita tal-qoton. Il-qoton ta' lewn ċar huwa ideali għax jagħmilha faċli biex tara meta l-maskra tkun imxarrba jew maħmuġa.
- Saff tan-nofs, li jista' jkun imdaħħal jew saff ieħor tad-drapp, magħmul minn materjal idrofobiku (li ma jgħaddix ilma minnu) bħal drapp tal-polipropilen mhux minsuġ imdawwar (materjal sintetiku li ma jgħaddix ilma minnu tipikament użat bħala drapp ta' fuq barra), jew bħala alternattiva, magħmul mill-qoton.
- Saff ta' fuq barra magħmul minn materjal idrofobiku, jiġifieri li ma jgħaddux il-qtar u l-umdità minnu. Dan jista' jkun materjal sintetiku bħal polipropilen, poliester jew taħlita ta' poliester/qoton

Filwaqt li din hija l-kombinazzjoni ta' materjali rakkomandati għal filtrazzjoni massima u biex jgħaddi n-nifs, materjali oħra jistgħu jintużaw ukoll, inklużi żewġ saffi ta' polipropilen jew tliet saffi jew aktar jew qoton tat-T-shirts jew poliester. Madankollu, ħarir, garża tal-qoton, imkatar u najlon instabu li ma jipprovdux filtrazzjoni biżżejjed; l-użu tagħhom f'maskri tad-drapp mhux irrakkomandat.



In-nisġa tad-drappijiet magħżula m'għandhiex tkun laxka wisq, għax dan jippermetti l-ħarba tal-qtar, u lanqas issikkata, għax dan jagħmilha diffiċli biex tieħu n-nifs mill-maskra. Tista' malajr tiċċekkja jekk jgħaddix in-nifs meta tagħmel maskra billi tipprova tieħu n-nifs minn ġol-materjal (minn ġo l-istess numru ta' saffi ta' drapp bħalma se jkun hemm fil-maskra tiegħek). Jekk se tagħmel il-maskra inti, agħżel drapp li huwa artab u flessibbli biżżejjed biex jieħu l-forma tal-wiċċ ta' min jilbisha, u ħalli l-maskra tkun tista' tagħlaq. Agħżel drapp lixx li ma jirritax il-ġilda u li ma jisħonx wisq, peress li l-maskra tiegħek tista' tkun skomda biex tilbisha. Il-materjal magħżul għandu jkun kapaċi jiflaħ għall-ħasil fl-ilma sħun (60°C). Materjali elastiċi mhumiex irrakkomandati minħabba li l-ġibda waqt l-ilbies tista' tirriżulta f'daqs miżjud tal-pori u b'hekk ikollhom effiċjenza aktar baxxa ta' filtrazzjoni. Materjali elastiċi għandhom ukoll it-tendenza li ma jifilħux għall-ħasil f'temperaturi ogħla. Drappijiet miksija (eż. bix-xama') lanqas mhuma rrakkomandati minħabba li l-kisi jimblokka l-pori tad-drapp u jista' jagħmilha aktar diffiċli biex tieħu n-nifs minn ġol-maskra. Boroż tal-vacuum cleaner, materjal tal-iżolazzjoni użat fil-kostruzzjoni, ħrieqi u drappijiet li setgħu ġew ittrattati b'kimiċi li jagħmlu l-ħsara mhumiex adattati għall-użu fil-maskri tad-drapp.

Il-maskri tad-drapp għandu jkollhom ċinga mar-ras li żżomm il-maskra f'postha fuq l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum meta tintlibes. Dan jista' jkun fil-forma ta' ħoloq għal mal-widna jew jistgħu jduru madwar ras l-utent, bl-użu jew ta' materjal elastiku jew irbit tad-drapp. Iċ-ċinga mar-ras għandha żżomm il-maskra sewwa f'postha mingħajr ma tkun issikkata wisq iż-żejjed jew skomda. Maskri tad-drapp għat-tfal għandhom isiru b'ħoloq tal-widnejn MHUX irbit tad-drapp. Għall-aħjar qies, it-trufijiet tal-maskra m'għandhomx jiċċaqilqu, eż. meta qed titkellem, u jħallu l-arja taħrab mit-truf tal-maskra minflok ma tkun iffiltrata minnha (għax dan jagħmel il-maskra ferm inqas effettiva). Eżempji ta' forom ta' maskra li joqogħdu eżatt skont il-kontorni tal-wiċċ huma l-forom ta' maskri li jintwew ċatti u f'għamla ta' munqar ta' papra. Tista' faċilment issib disinji għal dawn il-forom ta' maskri onlajn. Tagħmilx ħjatat vertikali tul l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum meta tħit il-maskra tiegħek. Il-maskri tad-drapp m'għandhom jinkludu l-ebda truf jew ponot. L-istejpils m'għandhomx jintużaw biex iżommu partijiet tal-maskra flimkien għax dawn huma riskju għas-sigurtà.

**NOTA IMPORTANTI GĦALL-MANIFATTURI**

Il-maskri tad-drapp, li huma magħrufa wkoll bħala għata tal-wiċċ tad-drapp jew għata tal-wiċċ tal-komunità, mhumiex klassifikati bħala apparat mediku jew bħala tagħmir protettiv personali. Għaldaqstant, il-maskri tad-drapp li jitqiegħdu fuq is-suq MHUMIEX regolati mid-Direttiva 93/42/KEE, mir-Regolament UE/2017/745 jew mir-Regolament UE/2016/425 u MA jeħtiġux valutazzjoni tal-konformità obbligatorja li tinvolvi korpi notifikati jew laboratorji.

Tibqa' r-responsabbiltà tal-produttur li jiżgura li d-disinn tagħhom ikun skont l-aħjar prattiċi aċċettati u l-kontroll tal-kwalità tal-produzzjoni. Niġbdu l-attenzjoni tal-manifatturi għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim CEN Worksop għall-għata tal-wiċċ tal-Komunità - CWA17553 https://www.cencenelec.eu/research/CWA/Documents/CWA17553_2020.pdf